MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 327/2004

**Joseph u Elizabeth Fenech**

**vs**

**Carmelo u Mary konjugi Calleja**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Frar 2004 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lill-atturi s-somma ta' mitejn u erbgha u disghin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm294.68) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi fil-vettura propjeta taghhom bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara f'Xemxija Hill, Xemxija limiti ta' San Pawl il-Bahar fis-7 ta' Settembru, 2003, liema incident gara unikament minhabba traskuragni u imperizia tal-konvenut Carmelo Calleja.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri nterpellatorji datati 13 ta’ Ottubru 2003 u 27 ta’ Novembru 2003 bl-interessi legali mill-prezentata tal-avviz sal-hlas effettiv.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew regolarment notifikati, naqsu milli jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi s-somma ta’ mitejn u erbgha u disghin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm294.68) bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------